TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/22/18/S

Christopher Busuttil
vs
RV Electronics Limited

Illum, 9 t'Ottubru,2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba tar-rikorrent ippreżentat fit-13 ta' Frar 2018 u r-Risposta ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2018;
Ra d-dokumenti kollha ippreżentati, sema' l-partijiet u x-xhieda prodotta minnhom kif ukoll it-trattazzjoni finali li saret fis-26 ta' Lulju 2018.

Ikkunsidra:

Illi r-rikorrent talab l-ammont ta' mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€153.45) rigward tiswijiet ta' *television* fejn allegatament, wara t-tiswijiet, l-istampa tiegħu kienet ta' kwalità inferjuri għall-istampa li kien juri qabel saru t-tiswijiet.

Illi fir-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li hija kienet is-*service centre* awtorizzat tad-ditta "LG" u li meta mar bit-*television* għat-tiswijiet, ir-rikorrent ma ħax miegħu ir-riċevuta bħala prova li kien xtrah. Essenzjalment, is-soċjetà intimata qed teċċepixxi li meta r-rikorrent ilmenta dwar il-kwalità tal-istampa, huma talbuh imur il-*workshop* tagħhom fejn minkejja l-preżenza ta' tlett tekniċi, huma ma setgħux jifhmu l-ilment tiegħu *stante* li fil-fehma tagħhom, l-istampa kienet ta' kwalità tajba.

Illi fix-xhieda tiegħu tul is-seduta tas-26 ta' Lulju 2018, ir-rikorrent spjega li l-ilment tiegħu kien li wara t-

tiswijiet, l-istampa kellha partijiet sfumati b'linji għaddejjin minnha. Huwa xehed ukoll li meta talab biex jara l-bozoz "LED" li tbiddlu, skopra li qabel it-tiswijiet, it-*television* kellu bozoz ta' ħmistax-il *watt* filwaqt li wara, tqiegħdu bozoz ta' ħames *watts*.

Illi Vincenzo Cimino xehed bil-lingwa Taljana u spjega li wara li saru t-tiswijiet fuq it-*television*, ir-rikorrent reġa' mar għandhom u beda' jilmenta li l-istampa ma kinitx ta' kwalità tajba. Huwa ħa lir-rikorrent fil-laboratorju fejn kien isir ix-xogħol ta' tiswija u quddiem tlett tekniċi, u talab lir-rikorrent jispjega l-ilment tiegħu. Skont Cimino, it-tekniċi ma setgħux jikkonfermaw l-ilment tar-rikorrent. Inoltre, deher li wara li Cimino wera *television* ġdid lir-rikorrent, dan allegatament qal li anki dak il-ġdid kien difettuż.

Illi t-Tribunal jinnota li s-soċjetà intimata b'ebda mod ma ċaħdet dak li qal ir-rikorrent meta qal li t-*television* oriġinalment kellu *LEDs* ta' ħmistax-il *watt* u wara t-tiswijiet, twaħħlu *LEDs* ta' ħames *watts*. Is-soċjetà intimata kellha kull opportunità li twieġeb għal din l-allegazzjoni kemm fir-Risposta kif ukoll permezz tax-xhieda. Ix-xhud imressaq mis-soċjetà intimata, għalkemm xehed li d-ditta barranija "LG" kienet tibgħat *kits* għat-tiswija, qatt ma xehed li dawn il-*kits* kellhom *LEDs* ta' ħames *watts* u mhux ta' ħmistax-il *watt*. Inoltre, lanqas qatt ġew ippreżentati xi provi mis-soċjetà rikorrenti li jindikaw li r-rikorrent kien b'xi mod żbaljat fl-allegazzjoni tiegħu.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li s-soċjetà intimata naqset ukoll li tippreżenta l-aħjar prova fis-sens li naqset li tħarrek lit-tlett tekniċi li skont hi, fil-laboratorju ikkonfermaw li l-istampa tat-*television* kienet bla difett. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, il-verżjoni tar-rikorrent hija ferm iktar attendibbli u fid-dawl ta' dan, jemmen li t-talba relattiva għandha tintlaqa'.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jordna li s-soċjetà intimata tirritorna l-ammont ta' mija u tlieta u ħamsin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€153.45) mħallas għat-tiswijiet relattivi.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070